MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Appell Civili Numru. 626/2009/1

***Road Construction Company Limited* numru tar-reġistrazzjoni tas-soċjetà C15677**
***v.***
**Avv. Michelle Tabone fil-kwalità tagħha ta' Ekonomu tal-Eċċellenza tiegħu Monsinjur Arċisqof Pawl Cremona fil-kwalità tiegħu ta' Amministratur tal-Kurja Arċiveskovili ta' Malta u tal-Beni tal-Entijiet Ekklesjastiċi ta' Malta annessi mal-istess Kurja**

1. Dan huwa appell tal-konvenuta minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Settembru 2011 li ċaħdet eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva.

2. Is-soċjetà attriċi, wara li fissret li hija ġarrbet danni għax il-parti konvenuta – li fir-rikors tirreferi għaliha bħala l-Kurja – b'azzjonijiet kemm ġudzzjarji u kemm *extra*-ġudizzjarji, fixklitha fit-tgawidja ta' ħwejjiġha, għamlet dawn it-talbiet (li qeghdin jinġiebu hawn *verbatim*):

«1. tiddikjara li l-Kurja, rapprezentata mill-konvenuta *nomine*, aġixxiet abużivament u l-imsemmija proċeduri saru kapriċjożament u li konsegwentement hija responsabbli lejn is-soċjetà għar-riżarċiment tad-danni minnha sofferti;

«2. tillikwida dawn id-danni;

«3. tikkundannak (*sic*) sabiex tħallas l-ammont hekk likwidat.»

3. Il-parti konvenuta ressqet, fost oħrajn, din l-eċċezzjoni (li wkoll qiegħda tinġieb *verbatim*:

«Illi, preliminarjament, il-konvenuta *nomine* ma hijiex il-leġittima kontradittriċi f'din il-kawża *stante* illi l-proċeduri msemmija mis-soċjetà attriċi u li, skond l-istess attriċi, taw lok ghad-danni minnha pretiżi ma ġewx istitwiti mill-istess konvenuta *nomine* imma mill-Enti Ġuridiku Ekkleżjastiku l-Ġuspatronat Lajkali *San Antonio Abate delli Navarra.*»

4. L-ewwel qorti ċaħdet din l-eċċezzjoni wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

«Din tal-lum hija azzjoni għal danni li l-kumpannija attriċi tgħid li ġarrbet kaġun ta' proċeduri allegatament abużivi u kapriċċjużi intrapreżi mill-konvenuta fil-kwalità tagħha premessa.

«Speċifikament tirreferi (a) għall-mandat ta' inibizzjoni li kien preżentat kontra tagħha fl-24 ta' Novembru 1998 u li kien irtirat fis-6 ta' Awissu 1999, (b) għall-kawza ċit. nru 164/1998 li kienet deċiża fl-1 ta' Awissu 2003 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Kompetenza Superjuri li minnha ma kienx hemm appell, (ċ) għall-kawzjonijiet li saru fuq l-art tagħha mar-Reġistratur tal-Artijiet u (d) u għall-oġġezzjonijiet li saru mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar ħruġ ta' permessi tal-iżvilupp fuq l-art in kwistjoni.

«Mill-atti ta' din il-kawza ma tirriżultax il-kwalità li biha l-konvenuta mexxiet skond (d) indikat fil-paragrafu preċedenti. Fil-każ ta' (ċ) sopraindikat (ara *fol.* 108) tissemma l-Kurja tal-Arċisqof bhala *Dettalji ta' Min Qiegħed Jagħmel il-Kawzjoni* u għal li huma r-*Raġunijiet għala Qiegħda ssir il-Kawzjoni* jissemma l-*Benefiċċju*

*"Abbazia Sant'Antonio delli Navarra"* tal-Kurja *Arċiveskovili ta' Malta.*

«Fil-każ ta' (b), l-*occhio* tal-kawża kien jaqra hekk - *Joseph Aquilina, Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof, Amministratur tal-Beni tal-Entijiet Ekklesjastiċi ta' Malta għan-nom il-Ġuspatronat Lakjali San Antonio Abate delli Navarra; u b'degriet tal-11 ta' Jannar, 2001 il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Vincent Ciliberti minflok Joseph Aquilina li miet fil-mori tal-kawża, fil-kwalità tiegħu premessa vs Road Construction Limited, u b'degriet tal-15 ta' Ġunju 2000 ġie kjamat fil-kawża r-Reġistratur tal-Artijiet, Ċentru Amministrattiv, Pjazza San Franġisk, Victoria.*

«*Ictu oculi* jidher li l-unika differenza bejn l-*occhio* ta' dik il-kawża u din tal-lum fejn jirrigwarda l-Ġuspatronat Lakjali *San Antonio Abate delli Navarra* huwa li filwaqt li f'dik il-kawża l-Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof bħala l-Amministratur tal-Beni tal-Entijiet Ekklesjastiċi deher għan-nom tal-Ġuspatronat Lakjali *San Antonio Abbate delli Navarra*, fil-kawża tallum l-Ekonomu kien imħarrek bħala Amministratur tal-Kurja Arċiveskovili ta' Malta u tal-Beni tal-Entijiet Ekklesjastiċi ta' Malta annessi mal-istess Kurja.

«Issa meta ressqet l-eċċezzjoni preliminari tagħha, il-konvenuta, forsi bi svista, ippreżentat bħala dokument in sostenn tagħha mhux il-kopja tas-sentenza fil-kawża bin-nru 164/1998/PC iżda kopja tas-sentenza fil-kawża bin-nru 75/2001. Din il-qorti rat is-sentenzi kollha li għalihom għamlu riferenza l-partijiet u li jirrigwardaw il-ġuspatronat in kwistjoni. U għall-fini tal-eċċezzjoni tal-lum, rat ukoll ġurisprudenza oħra li għaliha l-partijiet ma għamlux riferenza. Din il-qorti qegħda tagħmel speċifikament riferenza għas-sentenza ta' din il-qorti (PA/GC) tad-19 ta' Frar 2010 fil-kawza Joseph Aquilina *noe vs* Richard dei Conti Stagno Navarra li ġiet appellata.

«F'din l-aħħar kawża, irriżulta li taħt il-ġurisdizzjoni tal-Arċisqof ta' Malta kien jeżisti, fost benefiċċji oħra, il-benefiċċju ta' Ġuspatronat Lajkali imsejjah *Abbazia di San Antonio Abate delli Navarra* fondat minn Nobildonna Cosmana Cumbo Navarra fl-atti tan-Nutar Nicola Allegritto tal-25 ta' Awissu, 1675. Fil-kawża, l-attur kien qiegħed jirrappreżenta lill-Arċidjoċesi ta' Malta u Monsinjur Arċisqof kien intavola dik l-azzjoni fil-qadi tal-ministeru

għoli tiegħu għall-gid tal-Knisja f'Malta. Il-kawża kienet ġiet intavolata wkoll *ai termini* tad-dikriet ta' Monsinjur Arċisqof tat-3 ta' Awissu 1983 fejn ġie ordnat li l-amministrazzjoni kollha tal-enti djoċesani tkun f'idejh u dan b'effett immedjat.

«Din il-qorti qieset bl-akbar reqqa n-natura tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta anke fl-isfond tan-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet. Għal din il-qorti, il-kwistjoni kollha hija jekk il-Ġuspatronat Lakjali *San Antonio Abate delli Navarra* huwiex wiehed mill-Entijiet Ekklesjastiċi ta' Malta amministrat minn Monsinjur Arċisqof li huwa rappreżentat mill-Ekonomu.

«Mill-atti hekk jirriżulta li hu.

«U għalhekk anke wara li qieset dak li ngħad mill-konvenuta fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha, din il-qorti ma tarax għaliex sabiex tkun regolari l-istanza attriċi fil-konfront tal-konvenuta fil-kwalità tagħha premessa hemm il-ħtieġa ta' strettezza formali fis-sens li dak il-ġuspatronat jiġi distintament indikat bħala rappreżentat mill-konvenut, jew forsi li addirittura jiġi indikat bħala konvenut b'identità ġuridika separata u distinta minn dik tal-konvenuta kif imħarrka. Din il-qorti teskludi bħala legalment aċċettabbli din l-aħħar ipotesi.

«Dak premess fil-paragrafu preċedenti qiegħed jingħad anke għaliex fil-kawża Aquilina *noe vs Road Construction Limited* (cit. nru 164/1998/PC) deċiża fl-1 ta' Awissu 2003 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Kompetenza Superjuri, l-attur stess kien ippremetta *inter alia* li huwa kien l-amministratur tal-Ġuspatronat Lakjali *San Antonio Abate delli Navarra*. 'Il quddiem fil-*considerandi* l-qorti qieset li l-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, kif rappreżentata mill-attur *noe*, kienet l-amministratriċi ta' dak il-ġuspatronat. Minn dik is-sentenza ma kienx hemm appell.

«Ladarba mhux kontestat li l-ġuspatronat in kwistjoni huwa ente ekklesjastiku amministrat mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta li hija rappreżentata fil-kawża tallum mill-konvenuta bħala Ekonomu, din il-qorti tgħid li sabiex tissussisti validament l-azzjoni odjerna kontra l-konvenuta kif ċitata ma kienx hemm il-ħtieġa li għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi dak il-ġuspatronat jiġi tassattivament menzjonat bħala rappreżentat mill-konvenuta. »

5. Il-konvenuta, wara li ngħatat fakoltà li tagħmel hekk b'dikriet tal-21 ta' Novembru 2011, appellat minn din is-sentenza b'rikors tat-2 ta'Diċembru 2011. Is-soċjeta attriċi wieġbet fid-19 ta' Diċembru 2011 u fissret għala, fil-fehma tagħha, l-appell għandu jiġi miċħud.

6. L-aggravji tal-konvenuta, fil-qosor, huma dawn:

i. il-Kurja Arċiveskovili ma tirrappreżentax lill-Abbazija ta' Sant'Antnin Abbati *delli Navarra*; huwa Monsinjur Arċisqof, bħala Amministratur tal-Entijiet Ekklesjastiċi kollha f'Malta, u mhux il-Kurja Arċiveskovili, li jirrappreżenta lil dak l-enti;

ii. qalet ħażin l-ewwel qorti meta qalet illi "ma tarax għaliex sabiex tkun regolari l-istanza attriċi fil-konfront tal-konvenuta fil-kwalità tagħha premessa hemm il-ħtieġa ta' strettezza formali fis-sens li dak il-ġuspatronat jiġi distintament indikat bħala rappreżentat mill-konvenut, jew forsi li addirittura jiġi indikat bħala konvenut b'identità ġuridika separata u distinta minn dik tal-konvenuta kif imħarrka": il-ħtieġa proċedurali li jiġi individwat l-enti mħarrek toħroġ mill-fatt illi, jekk tassew is-soċjeta attriċi għandha xi jedd għal danni, dawk id-danni għandu jkollha jedd tiġborhom biss mingħand l-enti responsabbli u mhux mingħand il-"Kurja Arċiveskovili ta' Malta" jew mill-"Beni tal-Entijiet Ekklesjastiċi ta` Malta annessi mal-istess Kurja" li kontriehom jidher li saret il-kawża;

iii. dak li jagħmlu l-Entijiet Ekklesjastiċi huwa *res inter alios acta* quddiem il-Kurja Arċiveskovili, u għalhekk il-Kurja ma għandhiex tkun imġiegħla twieġeb għall-għemil ta' xi waħda minn dawk l-entijiet, bħal ma hija l-Abbazija ta' Sant'Antnin Abbati *delli Navarra*;

iv. l-allegazzjonijiet dwar proprjetà – li minħabba fihom is-soċjeta attriċi tgħid li kienet imfixkla fit-tgawdija ta' ħwejjiġha u hekk ġarrbet danni – ma sarux minn Monsinjur Arċisqof jew mill-Kurja Arċiveskovili, li qatt ma ivvantaw jeddijiet fuq il-proprjetà tal-attriċi; il-pretensjoni kienet illi l-proprjeta hija tal-fondazzjoni mwaqqfa minn Nobildonna Cosmana Cumbo Navarra u regolata mid-Dritt Kanoniku li jagħtiha personalità ġuridika; u

v. jekk l-attriċi għandha xi pretensjonijiet, dawn kien messha ressqithom kontra l-persuna legali li għamlet il-pretensjonijiet, kemm ġudizzjarji u kemm *extra*-ġudizzjarji, kontrieha, u mhux kontra l-konvenuta tallum.

7. Fil-fehma ta’ din il-qorti, il-qofol tal-kwistjoni kollha, li effettivament jolqot l-aggravji kollha mressqa mill-konvenuta, huwa dak li qalet l-ewwel qorti fis-silta miġjuba hawn taħt:

«Għal din il-qorti, il-kwistjoni kollha hija jekk il-Ġuspatronat Lakjali *San Antonio Abate delli Navarra* huwiex wiehed mill-Entijiet Ekklesjastiċi ta’ Malta amministrat minn Monsinjur Arċisqof li huwa rappreżentat mill-Ekonomu.»

8. Jidher minn din is-silta illi l-ewwel qorti mxiet fuq il-premessa illi l-kawża saret kontra “il-Ġuspatronat Lakjali *San Antonio Abate delli Navarra* … wiehed mill-Entijiet Ekklesjastiċi ta’ Malta amministrat minn Monsinjur Arċisqof li huwa rappreżentat mill-Ekonomu”. Din il-premessa, fil-fehma ta’ din il-qorti, hija żbaljata. L-imħarrek f’din il-kawża ma huwiex il-Ġuspatronat Lajkali *San Antonio Abate delli Navarra*, u għalhekk hija għalkollox irrelevanti l-kwistjoni jekk dan il-ġuspatronat huwiex jew le rappreżentat minn Monsinjur Arċisqof, mill-Kurja Arċiveskovili jew mill-Ekonomu. Imħarrek huwa, kif jixhed l-*occhio* tal-kawża, Monsinjur Arċisqof Pawl Cremona fil-kwalità tiegħu ta’ Amministratur tal-Kurja Arċiveskovili ta’ Malta u tal-Beni tal-Entijiet Ekklesjastiċi ta’ Malta annessi mal-istess Kurja , kif rappreżentat mill-Ekonomu tiegħu.

9. Għalhekk, kif sewwa tgħid is-soċjetà konvenuta fit-tweġiba tagħha għall-appell,

«… … … il-kwistjoni f’din il-kawża ma hijiex l-i*status* ġuridiku taħt il-Liġi Kanonika tal-Ġuspatronat Lajkali ta’ Sant’Antnin Abbati *delli Navarra*, u lanqas ma hija l-applikabbiltà *o meno* tal-Liġi Kanonika għall-Ġuspatronat, imma hija jekk bl-aġir tal-uffiċjali u rappreżentanti tagħha fil-konfront tal-esponenti, il-Kurja Arċiveskovili rrendietx ruħha passibbli għar-riżarċiment tad-danni sofferti mill-esponenti per konsegwenza tal-azzjonijiet li ġew indirizzati fil-konfront tagħha minn dawk l-uffiċjali u rappreżentanti, u jekk l-esponenti għandhiex id-dritt li tipproċedi kontra l-Kurja għar-riżarċiment ta’ dawk id-danni.»

10. Fi kliem ieħor, il-premessa tat-talbiet tas-soċjetà attriċi ma hijiex illi b’għemilu l-Ġuspatronat Lakjali *San Antonio Abate delli Navarra* għamlilha l-ħsara, iżda illi dik il-ħsara għamlithielha l-konvenuta mħarrka, *viz.* Monsinjur Arċisqof Pawl Cremona fil-kwalità tiegħu ta’ Amministratur

tal-Kurja Arċiveskovili ta’ Malta u tal-Beni tal-Entijiet Ekklesjastiċi ta’ Malta annessi mal-istess Kurja, kif rappreżentat għall-għanijiet ta’ din il-kawża mill-Ekonomu tiegħu.

11. Mela jekk jinsab illi l-għemil li minnu tilmenta s-soċjetà attriċi huwa attribwibbli lill-konvenuta, il-konvenuta hija mħarrka sew (bla ħsara għall-kwistjoni jekk dak l-għemil tassew għamilx ħsara lill-attriċi); jekk, min-naħa l-oħra, jinsab illi dak l-għemil huwa attribwibbli mhux lill-konvenuta iżda lill-Ġuspatronat Lakjali *San Antonio Abate delli Navarra*, li għandu personalità ġuridika separata u li ma huwiex parti fil-kawża, mela l-konvenuta hija mħarrka ħażin.

12. Iżda, kif sewwa tgħid is-soċjetà attriċi:

«… … … sabiex l-esponenti tirnexxi fl-azzjoni tagħha ser ikun rikjest mingħandha fi stadju ulterjuri tal-proċedura li tissodisfa r-rekwiżiti imposti mil-liġi sabiex tirnexxi kawża simili bbażata fuq il-kulpa akwiljana imma ma huwiex il-lok li wieħed jeżamina dawk ir-rekwiżiti u jekk dawn humiex sodisfatti f’dan il-każ proprju f’dan l-istadju tal-proċedura.

«… … …

«L-appellanti qiegħda tinsisti li teskludi d-dritt ta’ azzjoni tal-esponenti kontra tagħha fil-kwalità li fiha ġiet imħarrka billi tibqa’ ssostni li d-dritt tal-azzjoni tal-esponenti huwa limitat esklużivament kontra l-Ġuspatronat Lajkali ta’ Sant’Antnin Abbati *delli Navarra*. Bir-rispett kollu lejn il-konvenuta, però, dan l-argument tagħha fil-fatt jammonta għall-inverżjoni tal-ordni loġiku li jrid jiġi segwit f’din il-proċedura. Il-konvenuta trid li d-dritt tal-azzjoni tal-esponenti fil-konfront tagħha jiġi eskluż *a priori* mingħajr ma l-esponenti tingħata l-opportunità li turi, bi provi li għadhom iridu jinġabru, ir-responsabbiltà tal-persuni ċċitati fil-ġudizzju għar-riżarċiment tad-danni subiti minnha. Mentri, fl-umili fehma tal-esponenti, *trattandosi* minn kawża b’bażi delittwali jew akwiljana, l-ordni loġiku u legali li jrid jiġi segwenti [*recte*, segwit] huwa li l-esponenti tingħata l-opportunità li tressaq il-provi tagħha sabiex turi u tissostanzja l-allegazzjoni tagħha li l-persuni hekk imħarrkin huma effettivament u legalment responsabbli fil-konfront tagħha għar-riżarċiment ta’ dawn id-danni. Ikun biss fi stadju ulterjuri, imbagħad, wara [li] jiġu akkwiżiti dawk il-provi, li l-qorti tkun tista’ tiddeċiedi jekk il-

pretensjonijiet tal-attriċi fil-konfront tal-persuni ċċitati minnha jkunux iġġustifikati jew le.»

13. F'dan l-istadju, għalhekk, kien prematur li tingħata sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta qabel ma l-ewwel qorti tqis lil min huwa attribwibbli l-għemil li minnu tilmenta s-soċjetà attriċi.

14. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiddisponi mill-appell billi tħassar is-sentenza appellata iżda tħalli impreġudikat il-meritu tal-ewwel eċċezzjoni. Tordna illi l-atti jintbagħtu lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigħ fuq il-binarju illi l-konvenuta hija dik li juri l-*occhio* tal-kawża, u illi l-Ġuspatronat Lajkali *San Antonio Abate delli Navarra* ma huwiex parti fil-kawża.

15. Dwar l-ispejjeż ikun hemm deċiżjoni fis-sentenza finali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------